



14.6.2010

0051/2010

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar it-twaqqif ta' Jum Ewropew għar-Riċerka dwar il-mard

Aldo Patriciello, Alfredo Pallone

Data ta' skadenza: 14.10.2010

0051/2010

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar it-twaqqif ta' Jum Ewropew għar-Riċerka dwar il-mard

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - A. billi r-riċerka hija attività tal-bniedem li għandha l-għan li tfitteq li tiskopri, tinterpreta u tirrevedi l-fatti, l-avvenimenti, l-imġiba u t-teoriji li jagħmlu użu minn metodi xjentifiċi biex jiżied l-għarfien fi ħdan il-limiti tax-xjenza,
 - B. billi r-riċerka hija t-tama l-kbira għal miljuni ta' pazjenti li llum għad ma għandhomx ċertezza dwar il-kura tal-mard tagħhom,
 - C. billi l-progress huwa gradwali u ma hux biżżejjed minkejja li hemm programmi kbar ta' riċerka pubblika u minkejja li qegħdin jiġu investiti somom enormi f'dan il-qasam,
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex
 - jirrikonoxxu li Jum Ewropew għar-Riċerka dwar il-mard għandu valur etiku, morali u ekonomiku kbir bħala mument u okkażjoni straordinarja għar-riflessjoni, l-analiżi, it-tagħrif u l-ispinta lejn miri dejjem aħjar;
 - jippromwovu, b'hekk, approċċi xjentifiċi dejjem aktar innovattivi li jagħtu l-istess tama realistika wkoll lil pazjenti b'mard rari ħafna;
 - jissensibilizzaw iċ-ċittadini fl-Istati Membri, permezz tat-tixrid tar-riżultati diġà miksuba;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iżidu l-finanzjament għal attivitajiet ta' dan it-tip;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-parlamenti tal-Istati Membri.